MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2009

Avviz Numru. 677/2004

**Avukat Francis Portanier bhala President, u permezz ta' nota datat l-20 ta' Gunju tas-sena 2007, Dottor Raymond Bondin li assuma l-atti in sostituzzjoni ta' l-Avukat Francis Portanier fil-kwalita` ta' President, Gaetano Cuschieri bhala Segretarju, u John Mizzi bhala Tezorier tas-"Socejta` Filarmonica Nazionale La Valette".**

**vs**

**George Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-3 ta' Dicembru tas-sena 2004, li permezz tieghu l-atturi nomine sejhu lill-konvenut fuq indikat biex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jizgombra mill-banka tal-lottu fl-istess kazin li l-konvenut qieghed jokkupa minghajr titolu legali;

2. Illi ghal fini ta' kompetenza qieghed jigi dikjarat illi l-valur lokatizju ta' din il-banka huwa ta' mitejn Lira Maltin (LM200.00,0), bil-konvenut ikun ingunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-31 ta' Jannar tas-sena 2005, li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-Qorti kompetenti li tista' tiehu konjizzjoni tal-mertu tal-kawza ma hijiex, bir-rispett kollu, din il-Qorti, izda hija l-Prim'Awla tal-Qorti Civili u dan ai termini tal-artiklu 47(3) tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2. In subsidio u bla pregudizzju ghall-premess illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante illi l-esponent ilu jokkupa l-banka tal-lottu in kwistjoni ghal zmien twil b'titolu ta' Commodatum;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat il-verbal taghha tal-11 t'April tas-sena 2006;

Rat is-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) datati t-tnejn l-10 ta' Jannar tas-sena 2007, li permezz taghhom annullat il-pronunzjament fuq indikat datat il-11 t'April tas-sena 2006 u ordnat li l-atti jigu rimessi lura lill-ewwel qorti ghall-konsiderazzjoni u decizjoni taghha;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi fl-1978 is-socjeta` filarmonika attrici kienet harget sejha ghal ricevitur ta' banka tal-lottu permezz t'avviz datat it-3 t'April ta' l-1978, (ara fol 106);

2. Illi l-gestjoni tal-banka tal-lottu fl-istess sit tas-socjeta` de quo kien regolat bir-regolamenti governattivi vigenti riprodotti u accettati mill-partijiet a fol 107 et sequitur;

3. Illi r-ricevitur maghzul kien jiggestixxi l-banka lilu fdata b'tolleranza;

4. Illi permezz ta' ittra tal-konvenut datata l-21 t'April ta' l-1988, (ara fol 127), dan ippropona li jhallas kontribuzzjoni monetarja;

5. Illi l-loghob tal-lottu gie privatizzat fis-sena 2004 fejn il-konvenut, bhala ricevitur kien allura ddahhal fl-iskema li kienet inholqot ma' tali privatizzazzjoni u ghalhekk il-partijiet ippruvaw jirregolaw il-posizzjoni taghhom tramite kuntratt ta' sullokazzjoni;

6. Illi permezz ta' ittra datat t-2 ta' Mejju tas-sena 2005, l-imsemmija socjeta` filarmonika de quo giet infurmata mis-sid ta' l-istess fond fejn tirrisjedi illi t-titolu ta' kera li kellha ma setax jigi sullokat jew assenzjat lil terzi minghajr il-kunsens tas-sidien;

7. Illi biex zgur l-istess socjeta` ma jkollhiex il-biza' li minhabba f'hekk ibghati xi konsegwenzi nefasti, intavolat il-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi in effetti l-gestur tal-banka tal-lottu sitwata fl-imsemmija socjeta` m'ghandu u lanqas jista' jkollu titolu legali rikonoxxut stante li s-sidien tas-sit in dizamina jidher li

huma ghal kollox estromessi mir-relazzjoni li setghet inholqot;

Illi l-konvenut jirrizulta li qed jiggestixxi l-banka de quo b’mera tolleranza mill-kumitat tas-socjeta` filarmonika – li bi stramberija etika li ghandha tigi indirizzata minn min hu dovut, l-istess konvenut hu wkoll membru ta’ l-istess kumitat;

Illi gia la darba l-istess konvenut gie regolarment moghti l-congedo, m’ghandu l-ebda difiza fir-rigward u ghandu immedjatament jirrilaxxa l-gestjoni tal-banka tal-lottu;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut, l-istess artikolu tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili minnu kkwotat jaghmilha cara li fil-perjodu meta giet intavolata l-procedura odjerna r-responsabbilita` gurisdizzjonali in materja kien moghti lill-Qrati tal-Magistrati – u dan sa mill-bidu tal-istess Kodici, u kien biss relattivament ricentement li bla raguni trasparenti ta’ xejn, inbidlet ir-rotta;

Illi ghaldaqstant, qed tirrespingi l-ewwel eccezzjoni preliminari, bl-ispejjez;

Ikkunsidrat;

Illi fil-meritu, tenut kont ta’ l-analisi fattwali fuq elenkat jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-kumitat tas-socjeta` de quo halla l-gestjoni tal-banka tal-lottu de quo f’idejni l-konvenut;

2. Illi biex l-istess socjeta` taggira l-limitu ta’ l-azzjoni taghha u testrometti lis-sidien minn dak li hu legittimament taghhom evitat li tissulloka xi parti mis-sit fdat lilha u allura fdat il-gestjoni in meritu lill-konvenut b’mera tolleranza;

3. Illi ghalhekk il-konvenut m'ghandu l-ebda titolu x'jivvanta;

Ghaldaqstant, filwaqt li wkoll qed tirrespingi t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut, qed takkolji t-talbiet attrici u:

1. Tiddikjara li l-konvenut George Micallef qed jokkupa l-banka tal-lottu tal-kazin tas-socjeta` de quo minghajr titolu legali;

2. Tordna lill-istess konvenut jizgombra mill-istess banka tal-lottu de quo fi zmien xaghrejn mil-lum;

3. Bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-konvenut. Tiddikjara pero` li l-ispejjez konnessi ma' l-appelli tal-partijiet jibqghu bla taxxa, kif hemm, de resto, gia` ordnat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------